MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 219/2009/1

**Avviz Numru: 219/09 GB**

**The Sign Shop Limited (C-17083)**

**vs**

**The Mediterranean Wellbeing Company Limited (C-40909)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-4 ta' Frar 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar – Malta ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lis-Socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma kumplessiva ta' tmien mija, tmienja u erbghin ewro u tlieta*

*u sebghin centezmu (€848.73), rapprezentanti xoghol ta' fornitura ta' tabelli u twahhil fil-post matul ix-xahar ta' Ottubru 2006.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Marzu 2008 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Ottubru 2008, u bl-imghax legali mill-ewwel ittra interpellatorja kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi s-socjeta' konvenuta giet registrata fil-5 ta' Marzu 2007 u ghalhekk ma kenitx ghadha kostitwita f'Ottubru 2006. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

*Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.*

*Ra s-sentenza in parte li nghatat fis-26 ta' Marzu 2010 dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta' konvenuta dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

*Ikkunsidra,*

*Illi mid-deposizzjoni li nghatat minn Leonard Ellul Bonici, fil-kwalita' tieghu ta' segretarju tas-Socjeta' attrici, irrizulta illi s-socjeta' konvenuta, meta kienet ghadha rregistrata taht l-isem Health Matters Limited, kienet inkarigat is-servizzi tas-socjeta' attrici, konsistenti f'prodotti u oggetti ta' reklamar. Xehed illi inizjalment Kenneth Donaldson, direttur ta' din is-Socjeta', kien jitlob lis-socjeta' attrici ftit zmien sabiex teffettwa l-hlas, pero' eventwalment informah illi s-Socjeta' Health Matters Limited kienet ghaddiet in liquidation. Illi minn informazzjoni li rrizultatlu u ottjena, sar jaf illi din is-socjeta' ma kenitx bdiet process ghall-istralcc, izda kienet biss bidlet l-isem. Xehed ukoll illi*

*x-xoghol sar fl- 2006. Xehed ukoll illi d-direttur tas-socjeta' konvenuta kien wieghed hlas sa Settembru 2008, oltre illi wieghed ukoll li ser jinkariga lis-socjeta' attrici taghmel xoghol iehor ta' reklamar oltre dak li kien qed jintalab il-hlas ghalih.*

*Illi kompla jixhed illi x-xoghol gie mwettaq b'segwitu ta' diversi ordnijiet u nhargu diversi invoices. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'signage. Saret referenza ghal tliet (3) fatturi, datati 12 ta' Ottubru 2006, 23 ta' Novembru 2006 u 1 ta' Dicembru 2006.*

*Illi in kontro-ezami ddikjara illi x-xoghlijiet saru fuq inkarigu ta' Kenneth Donaldson, u x-xoghol gie kkonsenjat u installat fil-premises tas-Socjeta' konvenuta. Illi in riezami xehed illi kien jitlob il-hlas ghall-invoices relattivi minghand Kenneth Donaldson li informah li kien ser jibdel l-isem minn Health Matters Limited ghal The Mediterranean Wellbeing Company Limited. Illi hu accertah illi kien ser ihallas ghal dak li kien gie ordnat, u li kien ser jordna aktar xoghol; izda dan ix-xhud kellu jsir jaf li x-xoghol gdid tah lil haddiehor wara li sar t-tibdil tal-isem. Xehed ukoll illi mar fil-post fejn kienet qieghda topera s-socjeta' konvenuta, The Mediterranean Wellbeing Company Limited, sentejn wara li nhargu l-invoices, u sab li s-signage li s-Socjeta' attrici kienet hadmet ghal Health Matters Limited kienu ghadhom effettivament fil-post. Iddikjara illi s-signage fuq barra inqala', madanakollu, fuq gewwa kien ghad hemm is-signage li nhadem mill-istess Socjeta' attrici, u cioe' dak li qed jintalab hlas ghalih.*

*Illi xehed Kenneth Donaldson, li ddikjara li s-socjeta' konvenuta giet irregistrata fil-5 ta' Marzu 2007 bl-isem Health Matters Limited (u dan jirrizulta wkoll minn Dok. SG 1 a fol. 47 u Dok. KD 1 a fol. 53), u li din is-socjeta' hija llum mgharufa bl-isem The Mediterranean Wellbeing Company Limited, wara li sar tibdil fl-isem. Illi skont dan ix-xhud, ma kienet tezisti ebda relazzjoni kummercjali bejn din is-socjeta' u s-socjeta' attrici.*

*Illi in kontro-ezami xehed illi ilu jokkupa l-kariga ta' direttur minn meta giet irregistrata s-socjeta' konvenuta fil-5 ta'*

*Marzu 2007. Xehed ukoll illi ghalkemm il-kumpanija bidlet isimha, baqa' jokkupa l-istess kariga ta' direttur. Xehed inoltre illi kien direttur fi hdan socjeta' kummercjali ohra, bl-isem ta' Health Managers Limited (mhux parti f'din il-kawza), u li sussegwentement irrizenja minn direttur fi hdan din is-socjeta'. Illi sussegwentement giet irregistrata socjeta' ohra, li taghha kien azzjonist u direttur, u cioe' s-socjeta' Health Matters Limited; eventwalment ittiehdet id-decizjoni illi jinbidel l-isem ta' din is-socjeta' peress illi seta' jinqala' xi konfuzjoni dwar l-isem, u ghalhekk inbidel ghal The Mediterranean Wellbeing Company Limited.*

*Iddikjara illi s-socjeta' Health Managers Limited kienet ghamlet xi ordnijiet ghal xoghol minghand is-socjeta' attrici, u li dawn l-ordnijiet setghu saru minnu u mid-direttur l-ohra ta' din is-socjeta'. Xehed illi l-oggetti li gew ordnati mhux qed jintuzaw mis-socjeta' konvenuta li taghha huwa direttur.*

*Ikkunsidrat,*

*IIli mill-atti processwali jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta Health Matters Limited giet irregistrata fil-5 ta' Marzu 2007 (Dok. KD 1 a fol. 53), u li l-isem inbidel ghal The Mediterranean Wellbeing Company Limited fit-30 ta' Mejju 2007 (Dok. LEB 1 a fol. 20). Illi x-xoghol imwettaq u nstallat mis-socjeta' attrici, u li tieghu qed jintalab il-hlas, gie mwettaq fl-2006, u nhargu l-fatturi relattivi fuq medda ta' tliet (3) xhur, bejn Ottubru u Dicembru 2006.*

*Illi mic-certifikati rilaxxjati mill-Awtorita' kompetenti relattivi ghal dawn iz-zewg socjetajiet, u li ghalihom 'gia saret referenza, kif ukoll mill-estratt mis-sit elettroniku tal-istess Awtorita' (Dok. SG1 a fol. 47) jirrizulta illi l-indirizz registrat u ufficjali tas-Socjeta' Health Matters Limited u The Mediterranean Wellbeing Company Limited, kien u baqa' l-istess, u cioe' 87, Qormi Road, St Venera. Illi dan huwa l-istess indirizz li jirrizulta mill-fatturi u rendikont ipprezentat mis-socjeta' attrici (Dok. LEB 6 a fol. 33 u 34).*

*Illi jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta qed tikkontendi illi meta gie ordnat ix-xoghol u nhargu l-fatturi relattivi, din is-*

*socjeta' kienet ghadha mhix irregistrata, u mhux illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta. Illi ghalhekk jidher illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-oggetti li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas, gew effettivament ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta u nstallati fil-premises taghha, skont il-kaz.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-kontestazzjoni tal-istess socjeta' konvenuta illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici mhux dovut ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet ghadha ma gietx kostitwita u rregistrata meta saru l-ordnijiet, ma hix sostenibbli, stante illi s-socjeta' attrici ma kellha ebda obbligu, meta saru l-ordnijiet minn Kenneth Donaldson ghan-nom ta' Health Matters Limited, li tghamel stharrig dwar jekk din is-socjeta' kenitx giet irregistrata o meno. Dan partikolarment fid-dawl tal-fatt illi jidher illi 'gia kienet tezisti relazzjoni kummercjali bejn is-socjeta' attrici u Kenneth Donaldson, li precedentement kien jagixxi ghan-nom ta' socjeta' kummercjali ohra. Illi s-socjeta' attrici kienet 'gia ghamlet xoghol fuq inkarigu tal-imsemmi Kenneth Donaldson meta kien involut fil-gestjoni tas-socjeta' Health Managers Limited. Illi ghalhekk jidher illi kien hemm element ta' fiducja, ibbazata fuq relazzjonijiet kummecjali tajbin precedenti, bejn is-socjeta' attrici u l-imsemmi Kenneth Donaldson.*

*Illi huwa ferm probabbli illi meta l-fatturi nhargu fuq isem is-socjeta' Health Matters Limited, dawn gew intestat b'tali mod fuq struzzjonijiet u informazzjoni li s-socjeta' konvenuta tat u pprovdiet lis-socjeta' attrici. Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, din l-istess socjeta' ma tistax imbaghad tqajjem il-fatt illi din is-socjeta' kienet ghadha mhux irregistrata meta saru tali ordnijiet bhala raguni valida sabiex ma thallasx ghal xoghol ordnat minnha.*

*Illi jigi rilevat ukoll illi s-sussegwenti tibdil fl-isem tas-socjeta' konvenuta minn Health Matters Limited ghal The Mediterranean Wellbeing Company Limited ma jbiddel xejn mir-relazzjoni kummercjali u guridika li kienet tezisti bejn il-partijiet kontendenti.*

*Illi mill-kumplament ma jirrizultax illi s-socjeta' konvenuta qieghda tikkontesta li x-xoghol gie mwettaq, ikkonsenjat u installat mis-Socjeta' attrici, u lanqas ma jirrizulta illi hemm xi kontestazzjoni dwar l-ammont li qed jintalab il-hlas tieghu.*

*Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u ppruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, tmienja u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€848.73), bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' The Mediterranean Wellbeing Company Limited datat 24 ta' Frar 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` appellata The Sign Shop Limited datata 27 ta' April 2011 a fol 8 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Robert Galea ghas-socjeta` appellanti u Dr. Henry Antoncich ghas-socjeta` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2012; u l-verbal datata 31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar – Malta fl-ismijiet premessi datata 4 ta’ Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-aggravju tas-socjeta’ appellanti huwa fis-sens li la darba x-xoghol gie kkonsenjat fis-sena 2006, u s-socjeta’ konvenuta gie kostitwita fil-5 ta’ Marzu 2007 mela allura ma hemmx relazzjoni guridika mas-socjeta’ appellata u ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici f’din il-kawza ghandha tigi michuda.

Illi din il-Qorti thoss li mill-atti processwali jirrizulta li tali xoghol gie ordnat minn Kenneth Davidson fi zmien meta l-istess socjeta’ konvenuta kienet ghadha mhux kostitwita, izda li wara giet kostitwita, u l-imsemmija persuna kien rapprezentant taghha. Ghall-ewwel l-istess socjeta’ kien jisimha Health Matters Limited u sussegwentement dan l-isem gie mibdul ghal dak ta’ The Mediterranean Wellbeing Limited, u jirrizulta, minn apprezzament ta’ provi li anke ghamel l-istess Tribunal, li l-istess isem gie ndikat lis-socjeta’ attrici minn Kenneth Davidson stess, li kien gja kellu relazzjonijiet mas-socjeta’ attrici, u li x-xoghol ordnat gie mwahhal u/jew ikkonsenjat f’dak li kien indikat bhala r-*registered address* tal-istess socjeta’ f’87, Qormi Road, Santa Venera, u fil-fatt gie wkoll verifikat li l-istess xoghol kien ghadu hemm, u fl-ahharnett li l-istess Kenneth Davidson, kien sussgwentement ghall-formazzjoni tas-socjeta’ konvenuta, wieghed mhux biss li s-socjeta’ konvenuta kienet ser thallas il-kont tax-xoghol li effettivament hija rceviet u wzat, izda wkoll li l-istess kienet ser taghti xoghol iehor lill-istess socjeta’ attrici, ghalkemm xejn minn dan effettivament ma mmaterjalizza ruhu.
Illi fid-dawl ta’ dan, din il-Qorti thoss li sar apprezzament sew mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal, u abbazi tal-istess jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta hija obbligata li

thallas ghal tali xoghol, kemm ghaliex tali xoghol gie ordnat minn Kenneth Davidson f'isimha fi zmien meta din kienet ghadha mhux kostitwita, u kif ukoll ghal tali xoghol gie effettivament utilizzat minnha, u ghaliex l-istess socjeta' konsegwentement assumiet u accettat li thallas ghal tali xoghol tramite r-rapprezentant taghha Kenneth Davidson, u ovvjament li f'dan ir-rigward din il-Qorti, bhat-Tribunal, qed taccetta l-verzjoni attrici dwar dan, kemm ghaliex din hija sorretta mill-provi, u wkoll ghaliex hija iktar kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Dan kien l-apprezzament li ghamel it-Tribunal fuq il-fatti u fuq dan l-aspett din il-Qorti, bhala Qorti tas-Sekonda Istanza, ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercita t-Tribunal ghaliex ma hemmx ragunijiet serji sabiex taghmel dan u ma hemmx zball ta' kwalunkwe natura fl-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal (**"Victor Vella vs Joseph N. Tabone"** – A.C. – 22 ta' Ottubru 2002).

Illi jinghad f'dan il-kuntest li s-socjeta' appellanti taghmel riferenza ghall-**artikoli 68 u 78 tal-Kap. 386** u tghid li la darba meta gie kkonsenjat ix-xoghol is-socjeta' konvenuta ma kienitx registrata, mela allura hija l-persuna li ordnat ix-xoghol fil-kapacita personali taghha li ghandha tkun responsabbli, u hawn saret riferenza specifika ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 78 tal-Kap. 386.** Izda huwa relevanti li jinghad li apparti d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 78 (1) u (2) tal-Kap. 386,** li prezumibilment is-socjeta' appellanti qed taghmel riferenza ghaliha, hemm ukoll id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 78 (3) tal-Kap. 386** li jghid li *"minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), in-negozji msemmija f'dak is-subartikolu ghandhom jitqiesu bhallikieku saru mill-kumpannija ghar-rigward ta' terzi li trattaw in bona fede ma' persuni li aggixxew f'isem jew ghan-nom kumpannija li dwaha ma jkunx inhareg certifikat ta' registrazzjoni taht dan l-Att, jew li ma ghadha giet fis-sehh, b'effett mid-data li fiha l-kumpannija tigi fis-sehh, izda f'dak il-kaz id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx. Il-kumpannija jkollha l-jedd li tkun indemmnizata mill-persuni li agixxew f'isimha jew ghan-nom taghha dwar ir-responsabilita' taghha taht dan is-subartikolu lejn l-imsemmija terzi".*

Illi mill-fattispecie tal-kaz in ezami jidher li l-imsemmi Kenneth Davidson ikkontratta f'isem is-socjeta' konvenuta f'perjodu meta kienet ghadha mhux kostitwita, u dawn it-trattazzjonijiet saru *in bona fede* mas-socjeta' attrici u ghalhekk l-istess socjeta' ghandha anke skond il-Ligi citata tinzamm responsabbli versu s-socjeta' appellanti bhala terz, salv kull dritt ta' indemmniz li hija ghandha skond il-Ligi kontra l-imsemmi Kenneth Davidson. Fuq kollox il-kuntratti ghandhom jigu interpretati u esegwiti *in bona fede*
kif ritenut fis-sentenza **"Malta Development Limited vs Zet Limited"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru, 1999), li giet ikkonfermata sussegwentement mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi mhux hekk biss, izda jirrizulta, kif inghad li sussegwentement ghall-fornitura tal-istess xoghol, is-socjeta' konvenuta assumiet tramite l-istess persuna li thallas il-fattura tal-istess, u ghalhekk l-istess socjeta' holqot (jekk ma kienx gja inhalaq) rapport guridiku mas-socjeta' attrici li hija thallas tali debitu u dan jista' jirrizulta minn kwalunkwe prova u mhux necessarjament minn kitba, u dan kif ritenut fis-sentenzi fl-ismijiet **"Saviour Farrugia nomine vs Joyce Farrugia"** (P.A. (TM) – 7 ta' Lulju 2004); **"Satariano Limited vs Scala Development Limited"** (A.I.C. (PS) – 26 ta' Marzu 2010), u **"Joseph Xeureb vs Emmanuele Cremona"** (P.A. – 7 ta' Marzu 1957 – Vol. XLI.ii.924) u ghalhekk anke fuq din il-bazi l-azzjoni attrici kontra s-socjeta' konvenuta treggi u l-appell tas-socjeta' appellanti dwar l-istess qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata datata 27 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti bir-rikors tal-appell taghha datat 24 ta' Frar 2011 peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet**

**premessi “The Sign Shop Limited vs The Mediterranean Wellbeing Company Limited” (Avviz Numru 219/2009 GB) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti The Mediterranean Wellbeing Company Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------